

Brussell, 26 ta' Frar 2018
(OR. en)

6280/18

COEST 37

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Frar 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6279/18 COEST 36	
Suġġett:	RELAZZJONIJIET MAR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA
	– Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika tal-Moldova, kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fis-26 ta' Frar 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA**Kunsill Affarijiet Barranin, 26 ta' Frar 2018**

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jsaħħa l-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova billi jaħdem fi sħubija mill-qrib abbażi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li daħal fis-seħħ f'Lulju 2016. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa l-progress fir-riformi li huma meħtieġa sabiex jinħasad il-ġid tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Fieles Approfondita u Komprensiva, għaċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova.
2. Wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Frar 2016, l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova adottaw diversi inizjattivi leġiżlattivi relatati mal-oqsma ta' riforma prijoritarji identifikati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill. Filwaqt li jagħraf il-passi ta' riforma li diġà tteħdu mir-Repubblika tal-Moldova, il-Kunsill jenfasizza li huwa kruċjali li jiġu implimentati r-riformi li bdew fl-2016. Il-Kunsill ifakkar li l-għajnuna tal-UE lir-Repubblika tal-Moldova hija msejsa fuq kondizzjonalità stretta, u hija marbuta ma' progress sodisfaċenti fir-riformi.
3. Il-Kunsill ifakkar li l-oġettiv tal-isforzi tiegħu biex jassisti lir-Repubblika tal-Moldova huwa li jinkiseb titjib tanġibbli fil-ħajja taċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova.
4. Il-Kunsill ifakkar li r-riformi strutturali huma kruċjali sabiex ikun hemm it-tkabbir, jinħolqu l-impjiegi u jonqos il-faqar. Il-Kunsill jistenna li r-Repubblika tal-Moldova tkompli bil-proċess ta' riforma ġenerali tagħha u li ssaħħu f'konformità mal-impenji meħuda taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u jfakkar li l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni riveduta, li tistabbilixxi 13-il prijorità ewlenija għal azzjonijiet ta' riforma għall-2017–2019, għandha sservi ta' gwida Prattika. L-Unjoni Ewropea ser tkompli ssaħħa il-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ għall-proċess ta' riforma fir-Repubblika tal-Moldova.

5. Il-Kunsill jagħraf il-kontribut kostruttiv li sar mir-Repubblika tal-Moldova għas-Summit dwar is-Sħubija tal-Lvant tal-24 ta' Novembru 2017 u jhegġegħ lir-Repubblika tal-Moldova biex tkompli tikkontribwixxi għall-kisba tal-20 riżultat għall-2020.
6. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tar-rispett lejn mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluż sistema demokratika multipartitika, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-konsolidazzjoni tar-relazzjonijiet interetniċi.
7. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-liġi elettorali l-għdida ma indirizzatx uħud mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Opinjoni Konġunta tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa/Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem. L-Opinjoni Konġunta rreferiet, fost l-oħrajn, għan-nuqqas ta' kunsens dwar ir-riforma proposta u għar-riskju li l-kandidati maġġoritarji jistgħu jiġu influwenzati minn negozjanti jew atturi oħra li jsegwu l-interessi separati tagħhom. Il-konsegwenzi tas-sistema elettorali l-għdida għandhom jiġu monitorjati bir-reqqa u mill-qrib matul il-proċess elettorali, inkluż matul il-kampanja, f'Jum l-Elezzjoni u l-perijodu ta' wara, fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq id-demokrazija b'mod ġenerali u fuq is-sistema multipartitika b'mod partikolari. Elezzjonijiet trasparenti, inklużivi u kredibbli fil-livell ċentrali u lokali huma ta' importanza kruċjali.
8. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza li jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa/Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż dawk dwar il-finanzjament tal-partiti u tal-kampanji elettorali.
9. Sabiex ir-riformi kollha jkunu ta' suċċess u sostenibbli, il-Kunsill itenni l-importanza li jissaħħu r-relazzjonijiet mas-soċjetà ċivili. Il-Kunsill ihegġegħ bis-sħiħ lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova biex is-soċjetà ċivili tiġi involuta fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. L-involvement inklużiv tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali għal stat demokratiku, reżiljenti u prosperu.

10. Il-libertà u l-pluraliżmu tal-media hija prerekwiżit għal soċjetà demokratika. F'dan il-kuntest, bħala l-ewwel pass biex jiġu garantiti dawn il-libertajiet, il-Kunsill ihegġegħ lir-Repubblika tal-Moldova tkompli r-riforma komprensiva tal-kodiċi awdjoviżiv li suppost ilha li saret li ttejjeb it-trasparenza u l-kompetizzjoni fis-settur, bil-għan li tiġi indirizzata l-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-media, tiġi garantita l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, jinħoloq ambjent ta' negozju favorevoli għall-attività tal-mezzi tax-xandir indipendenti u tingħata informazzjoni ta' kwalità għolja liċ-ċittadini tagħha. Fir-rigward tal-emendi li saru dan l-aħħar għall-kodiċi awdjoviżiv, l-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi li d-diżinformazzjoni u l-propaganda jista' jkollhom effetti negattivi konsiderevoli, iżda tinnota wkoll li l-miżuri adottati għandhom ikunu neċessarji, proporzjonati u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt internazzjonali, sabiex ma jrażżnux il-libertà tal-media jew ifixxlu l-aċċess għall-informazzjoni.
11. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni effettiva tas-sistema tal-ivjaġġar mingħajr viża għal soġġorn qasir, filwaqt li jenfasizza l-possibbiltajiet imtejba għal kuntatti bejn il-persuni sa mid-dħul fis-seħħ tagħha u jappella lir-Repubblika tal-Moldova biex tkompli tagħmel l-isforzi kollha meħtieġa biex tissodisfa b'mod kontinwu l-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża u biex tinforma liċ-ċittadini tagħha dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-ivvjaġġar mingħajr viża. B'referenza għall-Ewwel Rapport tal-Kummissjoni taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża minn Diċembru 2017, il-Kunsill ifakkar li jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni speċjali għall-issodisfar b'mod kontinwu tal-parametri referenzjarji ta' kontra l-ħasil tal-flus u ta' kontra l-korruzzjoni billi jittieħdu azzjonijiet immedjati.
12. Il-Kunsill huwa konvint li għandhom jiġġeddu l-isforzi għal ġlieda aktar deċiżiva kontra l-korruzzjoni b'riżultati tanġibbli li għandha tkun akkumpanjata wkoll minn riforma profonda tal-ġudikatura, inkluż is-servizz tal-prosekuzzjoni. Sistema ġudizzjarja li tiffunzjona, li tkun indipendenti, imparzjali, trasparenti u responsabbli, xhieda ta' livell għoli ta' kundanni ta' korruzzjoni (b'mod partikolari korruzzjoni fil-livelli għolja) u r-rispett għall-istat tad-dritt huma elementi ewlenin biex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova fl-istituzzjonijiet tal-istat.

13. F'dan l-isfond, il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jiġi żgurat li l-infurzar tal-liġi u s-sistema ġudizzjarja jiffunzjonaw b'mod imparzjali, u jesprimi tħassib għall-każijiet ta' prosekuzzjoni kontra xi avukati, imħallfin u avversarji politiċi. Il-Kunsill ifakkar li użu selettiv tal-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja selettiva jimminaw l-istat tad-dritt u r-rispett u l-fiduċja tal-pubbliku fis-sistema ġudizzjarja.
14. Il-Kunsill jerġa' jhegġegħ lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova biex jiżguraw li l-każijiet ta' frodi bankarji kbar li ġew żvelati fl-2014 ikunu soġġetti għal investigazzjoni u prosekuzzjoni profondi, imparzjali u komprensivi, bil-ħsieb li l-fondi miżapproprjati jiġu rkuprati u dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja irrispettivament minn kwalunkwe affiljazzjoni politika tagħhom. Il-Kunsill jilqa' l-pubblikazzjoni ta' sommarju tat-tieni rapport ta' Kroll f'Diċembru 2017. Madankollu, huwa jibqa' jhegġegħ lill-awtoritajiet biex ikomplu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' dawk kollha involuti fl-iskemi frodulent kbar, b'rispett sħiħ lejn l-istat tad-dritt.
15. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-ħatriet li saru dan l-aħħar fi ħdan l-istituzzjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni u l-adozzjoni ta' liġi kontra il-ħasil tal-flus li tallinja l-leġislazzjoni mal-istandards attwali tal-UE. Fir-rigward tar-riformi li għaddejjin, ser ikun kruċjali li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni kontra l-ħasil tal-flus u li jitkompla t-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-korpi kontra l-korruzzjoni, li jitwaqqaf mekkaniżmu effettiv u li jiffunzjona sew għall-iffriżar, il-konfiska, il-ġestjoni u l-irkupru tal-assi, biex tiġi żgurata malajr sistema ta' dikjarazzjoni u verifika tal-assi li tiffunzjona, u biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni mill-influwenza mhux xierqa. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza li jitwaqqaf malajr uffieċċju awtonomu responsabbli mill-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, kif ukoll li jiġu żviluppati u approvati mekkaniżmi għat-teħid ta' sanzjonijiet kontra l-ksur tas-sistema tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni u l-iffriżar tat-tranżazzjonijiet suspettużi.

16. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li titkompla l-implimentazzjoni tar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika bil-għan li jiġu pprovduti servizzi aħjar għaċ-ċittadini.
17. Il-Kunsill jilqa' r-riformi maħsuba biex jiżguraw l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja u jgħibu lura l-kredibilità mad-donaturi internazzjonali, partikolarment fil-qasam tal-governanza tal-kumpaniji fis-settur finanzjarju, u biex isaħħu l-indipendenza u s-setgħat superviżorji tal-Bank Nazzjonali. Dawn ir-riformi għenu biex terġa' tinkiseb l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja u kienu essenzjali għall-konklużjoni u l-implimentazzjoni b'suċċess ta' ftehim mal-Fond Monetarju Internazzjonali. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lir-Repubblika tal-Moldova tkompli b'iktar riformi sabiex tindirizza l-isfidi sinifikanti li fadal, b'mod partikolari l-governanza dgħajfa, il-politiċizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-istat, il-korruzzjoni sistemika, il-ħtieġa li jitjieb l-ambjent tan-negozju u b'hekk jissaħħa it-tkabbir ekonomiku.
18. Il-Kunsill jilqa' l-firma tal-Memorandum ta' Qbil, il-Ftehim għal Faċilità ta' Self u l-Ftehim ta' Għotja tal-Assistenza Makro Finanzjarja f'Novembru 2017 u r-ratifika tagħhom mill-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova f'Diċembru 2017.
19. Il-Kunsill ifakkar li kull pagament taħt il-programm ta' Assistenza Makrofinanzjarja ser ikun soġġett għat-twettiq tal-miżuri ta' politika inklużi fil-Memorandum ta' Ftehim u r-rispett ta' prekondizzjonijiet politiċi.
20. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jittieħdu passi biex jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji sabiex tkun garantita klima ta' investiment attraenti u stabbli, u biex jitjiebu t-trasparenza u l-kondizzjonijiet ta' investiment filwaqt li jinżammu kontrolli u pjeni adegwati f'każ ta' ksur. Il-Kunsill jinnota li huma meħtieġa aktar sforzi biex tittejjeb il-klima tan-negozju u jiġu attirati iktar investimenti diretti barranin.

21. Il-Kunsill jistenna li r-Repubblika tal-Moldova żżid l-isforzi ta' riforma tagħha relatati mal-implimentazzjoni u l-infurzar taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, inkluż billi ssaħħaħ il-kapaċità operazzjonali u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet rilevanti.
22. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-infurzar effettiv tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inkluż il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi, fir-Repubblika tal-Moldova, f'konformità mal-impenji meħuda skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
23. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jissaħħu l-kompetizzjoni u t-trasparenza fis-settur tal-enerġija, fost l-oħrajn, billi tiġi żgurata l-kapaċità istituzzjonali u finanzjarja sabiex ir-regolatur tal-enerġija jkompli r-riforma tas-suq tal-enerġija. Il-Kunsill ihegġegħ ir-rispett sħiħ tal-*acquis* tal-Komunità tal-Enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-iffissar tat-tariffi għad-distribuzzjoni tal-enerġija filwaqt li jiġi żgurat l-irkupru sħiħ tal-ispejjeż. Il-Kunsill jappella lir-Repubblika tal-Moldova biex tlesti r-riforma tas-settur tal-enerġija f'konformità mat-Tielet Pakkett tal-UE dwar l-Enerġija, b'mod partikolari rigward is-separazzjoni tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass. Il-Kunsill jappella wkoll biex l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interkonnessjoni tiġi aċċellerata, filwaqt li jenfasizza l-importanza tagħhom għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista u r-rotot tal-enerġija.
24. L-UE ttenni li hija lesta tkompli tassisti lir-Repubblika tal-Moldova, abbażi ta' progress konkret u sodisfaċenti fl-oqsma kollha tar-riforma u ta' kundizzjonalità stretta. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jsir l-aħjar użu mill-assistenza tal-UE li għaddejja, bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-oġettivi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, u li jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien taċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova b'mod viżibbli u tanġibbli. Ir-rispett tal-impenji meħuda mal-Fond Monetarju Internazzjonali, progress sostanzjali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u fir-riforma tas-settur tal-ġustizzja, konformità mal-prinċipji demokratiċi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem ser ikunu elementi essenzjali għall-ħruġ tal-ħlasijiet pendenti tal-appoġġ baġitarju settorjali. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza li jkun hemm segwitu għar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri ta' Settembru 2016 dwar l-għajnuna tal-UE lir-Repubblika tal-Moldova u fit-tisħiħ tal-koordinazzjoni tad-donaturi mal-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova fil-kuntest tal-Programmazzjoni Konġunta.

25. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza li jiżdiedu l-isforzi konġunti fuq komunikazzjoni strateġika effettiva dwar ir-riformi miksuba, u l-benefiċċji konkreti tagħhom għaċ-ċittadini, biex tiġi promossa l-viżibilità tal-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova u tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni.
26. Il-Kunsill jilqa' l-interess tar-Repubblika tal-Moldova li tavvanza fil-kooperazzjoni mal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża kif ukoll fil-parteċipazzjoni tagħha fil-missjonijiet tal-PSDK mmexxija mill-UE u l-kooperazzjoni skont l-azzjoni 18 tal-Komunikazzjoni Konġunta "Qafas Konġunt biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu".
27. Il-Kunsill jilqa' l-progress inkoraġġanti li sar taħt il-proċess 5 + 2 fis-soluzzjoni tal-kunflitt Transnistrijan waqt il-Presidenza Awstrijaka tal-Presidenza Attwali tal-OSKE. Huwa jħeġġeġ bil-qawwa lir-Repubblika tal-Moldova biex tibni fuq dan il-livell ta' involviment matul il-Presidenza attwali Taljana tal-OSKE u sussegwentement, u jissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni f'waqtha tal-ftehimiet milħuqa. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza li jsir progress fl-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-Istatus Legali Speċjali ta' Gagauzia u jistieden lil Chisinau biex jipproċedi bl-inizjattivi legiſlattivi pendenti.
-